MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali – REĠJUN NOFSINHAR

**Laqgħa Numru 40 – 3 Kumitat**

**Il-Ħamis 01 ta' Ottubru, 2020**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, fil-5.30pm.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| President tar-Reġjun | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Qrendi | Is-Sur David Michael Schembri |
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Renald Falzon |
| Sindku Żurrieq | Is-Sa Rita Grima |
| Sindku Ħal Kirkop | Is-Sur Terence Agius |
| Viċi Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Kunsilliera Ħal Luqa | Is-Sa Maria Magri |
| Viċi Sindku Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Viċi Sindku Ħaż-Żebbuġ | Is-Sur Mark Camilleri |

| | |
|---|---|
| Kunsillier Imqabba | Is-Sur Henry Zaffarese |
| Sindku Gudja | Dr Marija Sara Vella |
| Sindku Ħal Safi | Is-Sur Johan Mula |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Siġġiewi | Is-Sur Dominic Grech |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |

UFFIĊJAL PREŻENTI

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President  is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġiji;

40.1.1 Il-President informa li ma kienx hemm ittri ta’ aploloġiji.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

40.2.1 Il-President ressaq il-minuti tad-disgħa u tletin (39) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li ġew iċċirkolati  minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

40.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Frederick Cutajar u ssekondata mis-Sur David Schembri, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-minuti msemmija.

40.2.3 Dr Marija Sara Vella daħlet fil-kamra fil-5.35 pm.

## 40.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Kwarta Tajba 2021**

40.3.1 Il-President ippropona attività kulturali ġdida u innovattiva għas-sena 2021 li tibbaża fuq mużika oriġinali. Hu ressaq dokument quddiem il-Membri bil-proposta li tinkludi informazzjoni fuq din l-inizjattiva u ta spjega tiegħu. L-attività ssir fuq jumejn f'waħda mil-lokalitajiet tar-Reġjun li għad trid tintagħżel mill-Membri wara li jiftħu l-applikazzjonijiet. Il-lokalità trid toffri sitt spazji pubbliċi fejn ikunu jistgħu jsiru l-prestazzjonijiet. Id-dati tentattivi għal dan l-avveniment se jkunu s-17 u t-18 ta' Settembru 2021. Il-President spjega lill-Membri kif se tkun imqassma din l-inizjattiva u talab għall-approvazzjoni tal-Membri.

40.3.2 Il-Membri approvaw din il-proposta b'mod unanimu.

40.3.3 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lill-Kunsilli Lokali tar-Reġjun b'din l-inizjattiva u jistieden lil dawk interessati li jospitaw dan l-avveniment ġewwa l-lokalità tagħhom sabiex jibagħtu l-proposti tagħhom. Il-proposti jiġu mgħoddija lill-maniġer u l-koordinatur tal-proġett u dawn għandhom jagħtu l-aħjar rakkomandazzjonijiet biex jitressqu għad-diskussjoni u d-deċiżjoni tal-Membri fil-laqgħa li jmiss.

40.3.4 Is-Sur Renald Falzon daħal fil-kamra fil-4.40 pm.

**- Pink October 2020**

40.3.5 Il-President ħabbar li għal din is-sena, rappreżentanti mill-Fondazzjoni Marigold jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsilli Lokali tar-Reġjun f'attività waħda li se ssir nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru fis-7.30 pm. Hu ippropona li l-post fejn jiltaqgħu jkun Ġnien is-Serenità f'Santa Luċija.

40.3.6 Il-Membri preżenti qablu fuq il-post magħżul.

**- Skemi ta’ fondi mir-Reġjun li għadhom ma sarux talbiet ta’ rifużjoni għalihom**

40.3.7 Il-President wera sodisfazzjon għall-mod kif il-Kunsilli Lokali qed jimpenjaw ruħhom biex jibagħtu t-talbiet u l-proposti tagħhom biex jagħmlu użu mill-iskemi ta’ għajnuna finanzjarja offruta mill-Kunsill Reġjonali. Hu ħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jibqgħu jibagħtu t-talbiet għall-fondi pendenti. Il-President fakkar li dawk il-fondi pendenti li jmorru lura aktar mill-2020 mhux se jibqgħu aktar dovuti wara l-aħħar ta’ Settembru 2021.

40.3.8 **- Devoluzzjoni tal-bini amministrattiv tal-Kunsill Reġjonali**

Il-President ħabbar li matul dawn l-aħħar jiem, it-talba tal-Kunsill Reġjonali għad-devoluzzjoni tal-bini amministrattiv tiegħu ġiet imressqa quddiem il-Bord u ġiet approvata. Issa jmiss li ssir applikazzjoni ħalli tiġi vvalutata l-propjetà biex ikun jistà jitfassal il-kuntratt finali.

40.3.9 **- Iffirmar tal-kuntratt mal-perit tar-Reġjun**

Il-President informa li matul il-jiem li għaddew il-perit tar-Reġjun ippreżenta l-garanzija bankarja tiegħu kif kien mitlub fis-sejħa u ġie ffirmat il-kuntratt. Diġà bdiet ħidma mal-perit biex jitħejja pjan ħalli l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ikollu bini amministrattiv ta’ livell għoli minn fejn ikun jista’ jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aħjar mod filwaqt li joffri l-aqwa servizz possibbli lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu u lill-komunitajiet tiegħu. Fil-fatt fil-ġranet li ġejjin se jkun qed isir studju u spezzjoni tal-binja inkluż spezzjoni tas-soqfa u travi. Se jkun qed isir ukoll survey tal-livelli u anke jsiru pjanti tal-proprjetà ġodda b’mod diġitali.

**- Kummenti**

40.3.10 Fil-ħin riservat għall-kummenti, Dr Marija Sara Vella staqsiet jekk wara li l-Kunsill Lokali tal-Gudja jitterminalu l-kuntratt li għandu mal-perit tiegħu jistax jitlob is-servizzi tal-perit tar-Reġjun minflok jerġa’ joħroġ sejħa oħra.

40.3.11 Il-President wieġeb li kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun jista’ jagħmel użu mis-servizz tal-perit tar-Reġjun imma jrid jagħmel tajjeb hu għall-ħlas dovut lill-perit skont il-kundizzjonijiet u l-prezzijiet stabbiliti fil-kuntratt.

40.3.12 Is-Sur Johan Mula irrimarka li l-prinċipju ta’ kif se tkun qed taħdem is-sistema tal-perit tar-Reġjun hu tajjeb u hu jaqbel miegħu.

40.3.13 Is-Sur Frederick Cutajar irrefera għall-Inizjattiva ta’ Finanzjament ta’ Proġetti Kapitali dwar aċċessibilità u mobilità mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Hu ppropona li l-Kunsill Reġjonali jagħmel applikazzjoni biex isir sensory garden aċċessibbli għal kulħadd speċjalment għal dawk li jbatu mid-dimensja, awtiżmu u diżabilitajiet oħra f’parti li tinfed ma’ Ġnien is-Serenità f’Santa Luċija. Is-Sur Cutajar irrimarka li dan il-post minnu nniffsu joffri serenità u ta’ kuljum iżuruh diversi anzjani u persuni oħra b’diżabilità minn diversi lokalitajiet oħra biex itaffu mill-istress tal-ħajja u jħossuhom aħjar.

40.3.14 Il-President wieġeb li din mhix idea ħażina, madanakollu hu jħoss li għandu jħalli l-bibien miftuħin u tingħata opportunità lill-Kunsilli Lokali kollha tar-Reġjun biex joħorġu bil-proposti tagħhom. Hu wiegħed li se jkunu qed jiġu kkunsidrati l-proposti kollha. Wieħed jifhem li l-Kunsill Reġjonali m’għandux riżorsi biżżejjed biex jagħmel proġett kapitali kbir f’kull lokalità, għaldaqstant, irid jintagħżel wieħed. Il-President qal li se jkun qed jilqa’ l-proposti sal-15 ta’ Ottubru 2020 biex sad-data tal-għeluq ikun jista’ jitfa’ l-applikazzjoni tiegħu. L-applikazzjonijiet jagħlqu fit-30 ta’ Ottubru 2020 u kull Kunsill Lokali jista’ japplika għal proġetti fil-lokalità tiegħu.

## 40.4 Skeda ta’ Pagamenti;

40.4.1 Il-President ippreżenta l-iskedi ta’ pagamenti bin-numru ta’ referenza 10/20A-1 u 10/20B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

40.4.2 Wara mozzjoni mressqa minn Dr Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sur Renald Falzon, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskedi ta’ pagamenti msemmija.

## 40.5 Sejħa Pubblika għal Kuntratt tal-Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq;

40.5.1 Il-President ressaq ir-rapport finali tal-Bord tal-Evalwazzjoni għal din is-sejħa. Hu ta spjega tar-rapport lill-Membri preżenti. Il-kuntrattur irrakkomandat mill-Bord tal-Evalwazzjoni hu joint venture bejn żewġ kumpaniji stabbiliti li diġà joperaw f'dan is-suq. Il-President reġa' semma' punti li kienu diġà diskussi fil-laqgħa preċedenti dwar din is-sejħa.

40.5.2 Fuq proposta tas-Sur David Michael Schembri u ssekondata mis-Sa Rita Grima, il-Membri preżenti approvaw ir-rapport tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

## 40.6 Sejħa Pubblika għal Xogħol ta' Restawr fuq il-Faċċata tal-Bini Amministrattiv tar-Reġjun;

40.6.1 Il-President ressaq ir-rapport finali tal-Bord tal-Evalwazzjoni għal din is-sejħa. Hu ta spjega tar-rapport lill-Membri preżenti. Il-kuntrattur irrakkomandat mill-Bord tal-Evalwazzjoni tefa' l-orħos offerta minn fost it-tliet offerenti għal din is-sejħa u ssodisfa l-fażijiet kollha tal-proċess tal-evalwazzjoni.

40.6.2 Fuq proposta tas-Sur Frederick Cutajar u ssekondata mis-Sur Johan Mula, il-Membri preżenti approvaw ir-rapport tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

## 40.7 Affarijiet oħra;

**- Koordinazzjoni mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada**

40.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fil-jiem li ġejjin se jkun qed jattendi għal laqgħa ma' rappreżentanti mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada dwar possibiltà ta' koordinazzjoni fi

proġetti fi skejjel tal-istat tar-Reġjun għal faċilitajiet għal studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali.

**- Proposti minn Kunsilli Lokali għall-iskema ta' għajnuna għal CCTV cameras**

40.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti mibgħutin mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u mill-Kunsill Lokali tal-Gudja biex jibbenefikaw mill-iskema ta' għajnuna finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jinstallaw CCTV cameras fil-lokalità tagħhom.

40.7.3 Ir-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Safi u tal-Gudja taw spjegazzjoni tal-proposti tagħhom.

40.7.4 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-prosposti tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi u tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

**-Proposti minn Kunsilli Lokali għall-iskema ta' għajnuna Inizjattivi Ambjentali 2020**

40.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq proposti mill-Kunsilli Lokali ta' Ħal Safi u ta' Birżebbuġa biex jibbenefikaw mill-iskema Inizjattivi Ambjentali 2020 wara li se jkunu qed jiffirmaw il-ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali relatat ma' Slow Streets.

40.7.6 Ir-rappreżentanti tal-lokalità spjegaw il-proposta tagħhom.

40.7.7 Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-proposti tal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Safi u ta' Birżebbuġa.

## 40.8 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

40.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.42 pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 05 ta' Novembru 2020 fil-5.30 pm.

Konfermati llum _____________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Philip Carabott |
| President | Segretarju Eżekuttiv |